Received 8/1/21 Buttigieg

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Rikors ta' appell mid-Decizjoni tal-Bord tal-Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar EPD/A/YSR/20/899 fir-rigward tal-EP 0076/20**

Rikors ta' appell ta' Attard Services Limited [C-4113]

Tesponi bir-rispett:

1. Illi dan huwa appell maghmul ai termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 549
2. Illi permezz ta' avviz ta' decizjoni tal-Bord tal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-EP/0076/20 ghall-operazzjoni ta' installazzjoni fil-proprjeta` tal-kumpanija appellanta gewwa Birzebbugia (ara decizjoni annessa u mmarkat **DOK A**), l-Awtoritia` infurmat lill-kumpanija appellanta li il-Bord kien ikkunsidra l-applikazzjoni favoribilment ghall-perjodu ta' 4 snin suggett ghall-kompiment tal-kundizzjonijiet segwenti:
    - *Submission of a Bank Guarantee of €6,850; and*
    - *Submission of an updated decommissioning plan in line with the requirements of Section 5 of EP 0029/10/B;*
3. Illi minkejja li fl-avviz hemm indikat illi d-data tal-hrug ta' dan l-avviz hija 9 ta' Dicembru 2020, dan l-avviz gie mibghut lill-kumpanija appellanta l-ghada 10 ta' Dicembru 2020;;
4. Illi fl-istess avviz, gie indikat illi l-kumpanija appellanta kellha tibghat tinforma lill-Awtorita` meta tlesti dawn il-kundizzjonijiet, u f'kaz li tali kundizzjonijiet ma jkunux gew kompluti fi zmien 30 gurnata, l-applikazzjoni tal-kumpanija appellanta kien sejra tigi "referred for dismissal";
5. Illi fl-istess avviz, il-kumpanija appellanta giet ukoll infurmata li jekk ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita`, kellha d-dritt li tappell fi zmien "30 days from the issue of this letter in terms of Article 63 of the Environment Protection Act."
6. Illi permezz tal-email,, il-kumpanija appellanta ghamlitha cara li fl-abbozz tal-permess mibghut lilha nhar it-13 ta' Novembru 2020, ghalkemm kien jirreferi lejn is-sottomissjoni tal-garanzija hemm imsemmija, ma kien jaghmel l-ebda referenza ghas-sottomissjoni ta' kwalunkwe` decommissioning plan kif imsemmi fl-istess ittra gialadarbda din kellha x'taqsam ma' permess iehor numru EP/0029/20/B. F'dan ir-rigward, il-kumpanija appellanta kienet gia` prezentat is-sottomissjonijiet taghha lill-Awtorita` fis-26 ta' Novembru 2020 fir-rigward tal-Kaz Numru IF1489/20-C , liema sottomissjonijiet il-kumpanija appellanta taghmel taghha ghall-finijiet ta' dan l-appell;
7. Illi fl-email taghha, il-kumpanija appellanta sahansitra annettiet l-informazzjoni rikjesta f'dak li kien ragonevolment possibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

8. Illi l-kumpanija appellanta mhix u ma tistax tkun f'pozizzjoni li tissottometti d-decomissioning plan kif rikjest fid-decizjoni tal-Awtorita` gialadarba, kif gie konsistentment spjegat lill-Awtorita` u lir-rapprezentanti taghha (inkluz mill-Ing. Konrad Maistre` lil Ruth Ciarlo`, Team Manager Compliance & Enforcement) u dan peress li l-kumpanija ma tistax tassumi responsabbilita` ghal dak li hemm taht l-art tal-installazzjoni taghha gewwa Birzebbugia (ara email tat-18 ta' Novembru 2020) peress li il-kontaminazzjoni tal-art m'ghandux x'jaqsam mal-kumpanija appellanta huwa esklussivament responsabbilita` tal- Enemed Co Ltd [C-66404], proprjetarja u operatrici tal-installazzjoni biswit l-installazzjoni tal-kumpanija appellanta u dan ghar-ragunijiet kollha li jissemmew fil-korrispondenza annessa u dak li sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-appell;

9. Illi huwa di fatti fid-dominju pubbliku li tali kontaminazzjoni hija attribwibbli biss lill-istess kumpanija Enemed Co. Ltd kif sjjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

10. Illi minkejja li l-kumpanija appellanta baghtet l-email taghha fit-30 ta' Dicembru 2020, hija rciviet risposta minghand l-Awtorita` anqas minn saghtejn qabel ma jaghlaq it-terminu tal-appell indikat minnha fl-ittra datata 9 ta' Dicembru 2020 izda notifikata lill-kumpanija appellanta fl-10 ta' Dicembru 2020

11. Illi wkoll minkejja li d-decizjoni tal-Awtorita` kif kontenuta fl-avviz imsemmi ma tistax titqies decizjoni finali, il-kumpanija appellanta ma kellhiex ghazla ohra hlief li tipprocedi bl-appell odjerna sabiex tipprotegi l-interessi kollha taghha.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-kumpanija appellanta titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka kwalunkwe` decizjoni tal-Awtorita` kif kontenuta fl-avviz b'referenza EPD/A/YSR/20/899 u/jew dawk li rrizultaw fil-frattemp fir-rigward tal-EP/0076/20.

Tant ghandha x'tissottometti l-kumpanija appellanta b'rizerva ghall-dokumentazzjoni ulterjuri illi sejrin jigu ezibiti fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell u b'rizerva ghall-presentazzjoni ta' xhieda viva voce sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz.

Bl-ispejjez.

**Av. Antoine Naudi**
*Naudi Mizzi & Associates*
Flat 14, Marina Court,
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex
anaudi@naudimizzi.com

**Av. Tyrone Grech**
*Naudi Mizzi & Associates*
Flat 14, Marina Court,
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex
tgrech@naudimizzi.com